ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 233

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

3 ta' Settembru 2010

Werrej

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 774/2010 tat-2 ta' Settembru 2010 dwar l-iffissar ta' linji gwida għall-kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni u għal approċċ regolatorju komuni għall-ħlasijiet tat-trażmissjoni** ([1]) . . . . . 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 775/2010 tat-2 ta' Settembru 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Los Pedroches (DPO)]** . . . . . 7

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 776/2010 tat-2 ta' Settembru 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Génisse Fleur d'Aubrac (IĠP)]** . . . . . 9

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 777/2010 tat-2 ta' Settembru 2010 li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' isem imniżżel fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Prosciutto Toscano (DPO))** . . . . . 11

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 778/2010 tat-2 ta' Settembru 2010 li japprova emendi sostanzjali fl-ispeċifikazzjoni ta' isem imniżżel fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Mela Val di Non (DPO)]** . . . . . 13

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: 3 EUR**

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 779/2010 tat-2 ta' Settembru 2010 li japprova emendi minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni elenkata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Thüringer Rotwurst (IĠP)]** ....... 15

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 780/2010 tat-2 ta' Settembru 2010 li japprova emendi minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni elenkata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Thüringer Leberwurst (IĠP)]** ..... 19

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 781/2010 tat-2 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..................... 23

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 782/2010 tat-2 ta' Settembru 2010 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10 ............... 25

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2010/61/UE tat-2 ta' Settembru 2010 li tadatta għall-ewwel darba l-Annessi għad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi għall-progress tekniku u xjentifiku** (1) ..................................... 27

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 774/2010

**tat-2 ta' Settembru 2010**

**dwar l-iffissar ta' linji gwida għall-kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni u għal approċċ regolatorju komuni għall-ħlasijiet tat-trażmissjoni**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar kundizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003 jipprovdi għat-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni. F'konformità ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-linji gwida li jispeċifikaw dettalji tal-proċedura u l-metodoloġija li għandhom jiġu applikati fil-mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni u regoli adegwati li jwasslu għal armonizzazzjoni gradwali fl-iffissar tal-ħlasijiet fl-ambitu ta' sistemi tariffarji nazzjonali.

(2) Minn meta ġiet rikonoxxuta għall-ewwel darba l-ħtieġa għal mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni, inkisbet ħafna esperjenza siewja, b'mod partikolari permezz tal-mekkaniżmi volontarji adottati mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni. Madankollu, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni sabuha dejjem aktar diffiċli biex jilħqu ftehim dwar dawn il-mekkaniżmi volontarji.

(3) Linji gwida vinkolanti li jistabbilixxu mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni għandhom jipprovdu bażi stabbli għall-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni u l-kumpens ġust lil operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għall-ispejjeż relatati mal-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku.

(4) L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni minn pajjiżi terzi jew minn territorji li ffirmaw ftehimiet mal-Unjoni li permezz tagħhom adottaw u qed japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-elettriku għandhom jitħallew jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni fuq bażi ekwivalenti għal dik ta' operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni minn Stati Membri.

(5) Huwa xieraq li l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni f'pajjiżi terzi li ma ffirmawx ftehimiet mal-Unjoni li permezz tagħhom adottaw u qed japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-elettriku jitħallew jipparteċipaw fi ftehimiet multilaterali mal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni minn Stati Membri, li permezz tagħhom il-partijiet kollha jiġu kkumpensati, fuq bażi ġusta u ekwa, għall-ispejjeż imġarrba għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku.

(6) L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jiġu kkumpensati għat-telf ta' enerġija dovut għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku. Dan il-kumpens għandu jkun ibbażat fuq stima tat-telf li jsofru kieku ma jkunx hemm tranżiti tal-elettriku.

(7) Għandu jiġi stabbilit fond għall-allokazzjoni ta' kumpens lil operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni għall-ispejjeż relatati mal-forniment ta' infrastruttura għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku. Il-valur ta' dan il-fond għandu jiġi bbażat fuq valutazzjoni, li ssir fuq livell tal-Unjoni Ewropea, tal-ispejjeż inkrementali medji fuq medda twila ta' żmien tal-forniment ta' infrastruttura għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku.

(8) L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni f'pajjiżi terzi għandhom jiffaċċjaw l-istess spejjeż biex jużaw is-sistema ta' trażmissjoni tal-Unjoni bħal ma jiffaċċjaw l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni fi Stati Membri.

(9) Il-varjazzjonijiet fil-ħlasijiet applikati għall-produtturi tal-elettriku biex ikollhom aċċess għas-sistema ta' trażmissjoni ma għandhomx jipperikolaw is-suq intern. Minħabba f'hekk, il-ħlasijiet medji għall-aċċess għan-netwerk fi Stati

([1]) ĠU L 176, 15.7.2003, p. 1.

Membri għandhom jinżammu f'medda li tgħin biex jiġi żgurat li jinkisbu l-benefiċċji li jirriżultaw mill-armonizzazzjoni.

(10) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont il-fehma tal-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1228/2003,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jirċievu kumpens għall-ispejjeż li jġarrbu minħabba li jospitaw flussi transkonfinali tal-elettriku fuq in-netwerks tagħhom abbażi tal-linji gwida stipulati fil-Parti A tal-Anness.

*Artikolu 2*

Il-ħlasijiet li japplikaw l-operaturi tan-netwerks għall-aċċess għas-sistema ta' trażmissjoni għandhom ikunu skont il-linji gwida stipulati fil-Parti B tal-Anness.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jiskadi fit-2 ta' Marzu 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

PARTI A

**LINJI GWIDA DWAR IT-TWAQQIF TA' MEKKANIŻMU TA' KUMPENS LIL OPERATURI TAS-SISTEMI TA' INTER-TRAŻMISSJONI**

1. **Dispożizzjonijiet ġenerali**

1.1. Il-mekkaniżmu ta' Kumpens lil Operaturi tas-Sistemi ta' Inter-Trażmissjoni (ITC) se jipprovdi għall-kumpens għall-ispejjeż relatati mal-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku inkluż il-forniment ta' aċċess transkonfinali għas-sistema interkonnessa.

1.2. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni se jistabbilixxu fond tal-ITC biex jikkumpensa l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għall-ispejjeż relatati mal-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku.

Il-fond tal-ITC se jipprovdi kumpens għal:

(1) it-telf imġarrab mis-sistemi ta' trażmissjoni tas-sistemi nazzjonali minħabba li dawn jospitaw flussi transkonfinali tal-elettriku; u

(2) l-ispejjeż relatati mal-forniment ta' infrastruttura għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku.

1.3. Il-kontribuzzjonijiet għall-Fond tal-ITC għandhom jiġu kkakulati skont il-punt 6.

Il-pagamenti mill-Fond tal-ITC għandhom jiġu kkakulati skont il-punti 4 u 5.

L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni se jkunu responsabbli biex jistabbilixxu ftehimiet għall-ġbir u t-tqassim tal-pagamenti kollha relatati mal-Fond tal-ITC, u se jkunu responsabbli wkoll biex jiddeċiedu meta jsiru l-pagamenti. Il-kontribuzzjonijiet u l-pagamenti kollha għandhom isiru malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard minn sitt xhur minn tmiem il-perjodu li huma applikabbli għalih.

1.4. Kull sena, il-Grupp Ewropew Regolatorju għall-Elettriku u l-Gass (ERGEG) stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/796/KE ([1]) għandu jibgħat rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ITC u l-ġestjoni tal-fond tal-ITC.

F'dan ix-xogħol, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jikkooperaw mal-ERGEG u jipprovdu lill-ERGEG u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha meħtieġa.

1.5. It-tranżitu tal-elettriku għandu jiġi kkalkulat, normalment fuq bażi ta' kull siegħa, billi jittieħed il-valur l-aktar baxx mill-valuri tal-ammont assolut tal-elettriku importat u tal-ammont assolut tal-elettriku esportat fl-interkonnessjonijiet bejn sistemi tat-trażmissjoni nazzjonali.

Biex jiġu kkalkulati t-tranżiti tal-elettriku, l-ammont tal-elettriku importat u l-ammont tal-elettriku esportat f'kull interkonnessjoni bejn sistemi tat-trażmissjoni nazzjonali għandhom jitnaqqsu b'mod proporzjonali mas-sehem tal-kapaċità allokata li ma jkunx kompatibbli mal-Punt 2 tal-linji gwida għall-ġestjoni tal-konġestjoni stipulati fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1228/2003.

Minkejja d-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu ta' dan il-punt, l-elettriku importat u dak esportat fl-interkonness-jonijiet ma' pajjiżi terzi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-punt 7.1 għandhom jitqiesu fil-kalkolu tat-tranżitu tal-elettriku.

1.6. Għall-finijiet ta' din il-parti tal-Anness, il-fluss nett ta' elettriku għandu jfisser il-valur assolut tad-differenza bejn it-total tal-elettriku esportat minn sistema ta' trażmissjoni nazzjonali speċifika lejn pajjiżi fejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni (TSOs) jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu ITC u t-total ta' elettriku importat minn pajjiżi fejn it-TSOs jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu ITC lejn l-istess sistema ta' trażmissjoni.

([1]) ĠU L 296, 14.11.2003, p. 34.

Għall-partijiet tal-mekkaniżmu ITC li jkollhom konfini komuni ma' mill-anqas terz tal-pajjiż li għalih japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Punt 7.1, għandhom isiru dawn l-aġġustamenti fil-kalkolu tal-fluss nett:

(1) jekk it-total ta' elettriku esportat lejn pajjiżi fejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni (TSOs) jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu ITC ikun ogħla mit-total ta' elettriku importat minn pajjiżi fejn it-TSOs jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu ITC, il-flussi netti għandhom jitnaqqsu bil-valur l-aktar baxx bejn:

(a) il-flussi netti importati minn dawk il-pajjiżi terzi; jew

(b) il-flussi netti esportati lejn pajjiżi fejn l-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni jipparteċipa fil-Mekkaniżmu ITC;

(2) jekk it-total ta' elettriku importat minn pajjiżi fejn it-TSOs jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu ITC ikun ogħla mit-total ta' elettriku esportat lejn pajjiżi fejn it-TSOs jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu ITC, il-flussi netti għandhom jitnaqqsu bil-valur l-aktar baxx bejn:

(a) il-valur nett tal-flussi esportati lejn dawk il-pajjiżi terzi; jew

(b) il-valur nett tal-flussi importati minn pajjiżi fejn l-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni jipparteċipa fil-mekkaniżmu ITC.

1.7. Għall-finijiet ta' din il-parti tal-Anness, it-tagħbija għandha tfisser l-ammont totali ta' elettriku li s-sistema ta' trażmissjoni nazzjonali tagħti lis-sistemi ta' distribuzzjoni konnessi magħha, lill-konsumaturi aħħarin konnessi mas-sistema ta' trażmissjoni u lill-produtturi tal-elettriku għall-konsum fil-ġenerazzjoni tal-elettriku.

## 2. Parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu ITC

2.1. Kull awtorità regolatorja għandha tiżgura li l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni fl-ambitu ta' kompetenza tagħha jipparteċipaw fil-mekkaniżmu ITC u li ebda ħlas addizzjonali għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku ma jiġi inkluż fil-ħlasijiet applikati mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għall-aċċess għan-netwerks.

2.2. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni minn pajjiżi terzi li ffirmaw ftehimiet mal-Unjoni li permezz tagħhom adottaw u qed japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-elettriku għandhom jitħallew jipparteċipaw fil-mekkaniżmu ITC.

B'mod partikolari, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni li jaħdmu fit-territorji msemmija fl-Artikolu 9 tat-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija [1] għandhom jitħallew jipparteċipaw fil-mekkaniżmu ITC.

Kull operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni minn pajjiż terz parteċipanti fil-mekkaniżmu ITC għandu jiġi ttrattat fuq l-istess bażi bħal operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni minn Stat Membru.

## 3. Ftehimiet multilaterali

3.1. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jiffaċilitaw l-iffirmar ta' ftehimiet multilaterali li huma relatati mal-kumpens għall-ispejjeż relatati mal-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku bejn operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni parteċipanti fil-mekkaniżmu ITC u operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni minn pajjiżi terzi li ma ffirmawx ftehimiet mal-Unjoni li permezz tagħhom adottaw u qed japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-elettriku, u li, fis-16 ta' Diċembru 2009, iffirmaw il-ftehim dwar mekkaniżmi volontarji bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni dwar il-kumpens lil operaturi tas-sistemi ta' inter-trażmissjoni.

3.2. Dawn il-ftehimiet multilaterali għandhom ikunu maħsuba biex jiżguraw li l-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni mill-pajjiż terz jiġi ttrattat fuq l-istess bażi bħal operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni minn pajjiż parteċipant fil-mekkaniżmu ITC.

3.3. Fejn ikun meħtieġ, dawn il-ftehimiet multilaterali jistgħu jirrakkomandaw aġġustament xieraq tal-kumpens totali għall-kumpens għall-ispejjeż relatati mal-forniment ta' infrastruttura għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku kkalkulat skont il-punt 5. Kwalunkwe aġġustament tali għandu jkun suġġett għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni.

3.4. It-trattament ta' operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni minn pajjiż terz ma għandux ikun aħjar minn dak li jingħata lil operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni parteċipanti fil-Mekkaniżmu ITC.

[1] ĠU L 198, 20.7.2006, p. 18.

3.5. Kwalunkwe ftehim multilaterali ta' dan it-tip għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni, biex din tagħti l-opinjoni tagħha dwar jekk il-kontinwazzjoni tal-ftehim multilaterali tkunx tippromwovi l-kompletar u l-funzjonament tas-suq intern fl-elettriku u l-kummerċ transkonfinali. L-opinjoni tal-Kummissjoni għandha tindirizza b'mod partikolari:

(1) jekk il-ftehim jikkonċernax biss il-kumpens bejn l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għall-ispejjeż imġarrba għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku;

(2) jekk humiex imħarsa r-rekwiżiti tal-punti 3.2 u 3.4.

3.6. Meta tħejji l-opinjoni msemmija fil-punt 3.5, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Istati Membri kollha, u tqis b'mod partikolari l-opinjoni ta' dawk l-Istati Membri li jkollhom konfini mal-pajjiż terz rilevanti.

4. **Kumpens għat-Telf**

4.1. Il-kumpens għat-telf imġarrab fuq is-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali minħabba li dawn jospitaw flussi transkonfinali tal-elettriku għandu jiġi kkalkulat separatament mill-kumpens għall-ispejjeż imġarrba relatati mal-forniment ta' infrastruttura għall-ospitar ta' tranżiti transkonfinali tal-elettriku.

4.2. L-ammont ta' telf imġarrab fuq sistema ta' trażmissjoni nazzjonali għandu jiġi stmat billi tiġi kkalkulata d-differenza bejn:

(1) l-ammont ta' telf imġarrab realment mis-sistema ta' trażmissjoni tul il-perjodu rilevanti; u

(2) l-ammont stmat ta' telf mis-sistema ta' trażmissjoni li jiġġarrab mis-sistema waqt il-perjodu rilevanti kieku ma jkunx hemm tranżiti tal-elettriku.

4.3. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni se jkunu responsabbli biex iwettqu l-kalkolu msemmi fil-punt 4.2 u għandhom jippubblikaw dan il-kalkolu u l-metodu ta' kif jinħadem f'format xieraq. Dan il-kalkolu jista' jsir mill-istimi għal għadd ta' mumenti diversi waqt il-perjodu rilevanti.

4.4. Il-valur tat-telf imġarrab minn sistema ta' trażmissjoni nazzjonali minħabba l-flussi transkonfinali tal-elettriku għandu jiġi kkalkulat fuq l-istess bażi bħal dik approvata mill-awtorità regolatorja fir-rigward tat-telf kollu mġarrab fuq is-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali. L-ERGEG għandu jivverifika l-kriterji użati għall-valutazzjoni tat-telf fuq il-livell nazzjonali, fejn tqis b'mod partikolari li din il-valutazzjoni tat-telf issir b'mod ġust u mingħajr diskriminazzjoni.

Meta l-awtorità regolatorja rilevanti ma tkunx approvat bażi għall-kalkolu tat-telf għal perjodu ta' żmien applikabbli għall-mekkaniżmu ITC, il-valur tat-telf għall-finijiet tal-mekkaniżmu ITC għandu jiġi bbażat fuq stimi analizzati mill-operaturi kollha tas-sistemi ta' trażmissjoni.

5. **Kumpens għall-forniment ta' infrastruttura għall-flussi transkonfinali tal-elettriku.**

5.1. Il-kumpens annwali għall-infrastruttura transkonfinali għandu jiġi mqassam bejn l-operaturi responsabbli għas-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali bħala kumpens għall-ispejjeż relatati mal-forniment ta' infrastruttura għall-ospitar ta' flussi transkonfinali tal-elettriku.

5.2. It-total tal-kumpens annwali għall-infrastruttura transkonfinali għandu jiġi mqassam bejn l-operaturi responsabbli għas-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali b'mod proporzjonali ma':

(1) il-fattur ta' tranżitu, li jirreferi għat-tranżiti fuq l-istat tas-sistema ta' trażmissjoni nazzjonali bħala proporzjon tat-tranżiti totali fuq is-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali kollha;

(2) il-fattur ta' tagħbija, li jirreferi għall-valur tal-kwadru tat-tranżiti tal-elettriku, b'mod proporzjonali mat-total tat-tagħbija u t-tranżiti f'dik is-sistema ta' tranżizzjoni nazzjonali relattiv mal-valur tal-kwadru tat-tranżiti tal-elettriku b'mod proporzjonali mat-total tat-tagħbija u t-tranżiti fis-sistemi tat-trażmissjoni nazzjonali kollha.

Il-fattur ta' tranżitu jirrappreżenta 75 % u l-fattur ta' tagħbija 25 %.

5.3. It-total tal-kumpens annwali għall-infrastruttura transkonfinali għandu jkun EUR 100 000 000.

6. **Kontribuzzjonijiet għall-Fond tal-ITC**

6.1. L-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jikkontribwixxu għall-fond tal-ITC b'mod proporzjonali mal-valur assolut ta' flussi netti lejn u mis-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali tagħhom bħala parti mis-somma tal-valur assolut ta' flussi netti lejn u mis-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali kollha.

7. **Ħlas għad-dritt għall-użu ta' sistema ta' trażmissjoni fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-elettriku ta' pajjiżi terzi**

7.1. Għandu jitħallas dritt għall-użu ta' sistema ta' trażmissjoni fuq l-esportazzjoni u l-importazzjoni skedati tal-elettriku mill-pajjiżi terzi kollha meta:

(1) dak il-pajjiż ma jkunx iffirma ftehim mal-Unjoni li permezz tiegħu jkun adotta u qed japplika l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-elettriku; jew

(2) l-operatur tas-sistemi ta' trażmissjoni responsabbli mis-sistema li minnha jkun qed jiġi importat l-elettriku jew li lejha jkun qed jiġi esportat l-elettriku ma jkunx iffirma ftehim multilaterali kif imsemmi fil-punt 3.

Dan il-ħlas għad-dritt għandu jiġi indikat f'Euro kull siegħa ta' megawatt (megawatt hour).

7.2. Kull parteċipant fil-mekkaniżmu ITC għandu jiġbor il-ħlas għad-dritt għall-użu ta' sistema ta' trażmissjoni fuq l-esportazzjoni u l-importazzjoni skedati tal-elettriku bejn is-sistema ta' trażmissjoni nazzjonali u s-sistema ta' trażmissjoni tal-pajjiż terz.

7.3. Kull sena, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jikkalkulaw minn qabel il-ħlas għad-dritt għall-użu tas-sistema ta' trażmissjoni. Dan il-ħlas għandu jiġi ffissat abbażi tal-kontribut stmat għal kull siegħa ta' megawatt li l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni minn pajjiż parteċipanti jkollhom jgħaddu lill-Fond tal-ITC abbażi tal-flussi transkonfinali tal-elettriku għas-sena rilevanti.

PARTI B

**LINJI GWIDA GĦAL APPROĊĊ REGOLATORJU KOMUNI GĦALL-ĦLASIJIET TAT-TRAŻMISSJONI**

1. It-ħlasijiet medji annwali ta' trażmissjoni li jitħallsu mill-produtturi f'kull Stat Membru għandhom ikunu fil-meded stipulati fil-punt 3.

2. Il-ħlasijiet medji annwali ta' trażmissjoni li jitħallsu mill-produtturi huma l-ħlasijiet totali annwali ta' trażmissjoni li jitħallsu mill-produtturi diviżi bl-enerġija mkejla totali li l-produtturi jdaħħlu annwalment fis-sistema ta' trażmissjoni ta' Stat Membru.

Għall-kalkolu stipulat fil-Punt 3, il-ħlasijiet ta' trażmissjoni għandhom jeskludu:

(1) il-ħlasijiet li jsiru mill-produtturi għal assi fiżiċi meħtieġa għall-konnessjoni mas-sistema jew għat-titjib tal-konnessjoni;

(2) il-ħlasijiet li jsiru mill-produtturi li jkollhom x'jaqsmu ma' servizzi anċillari;

(3) il-ħlasijiet li jsiru mill-produtturi għal telf speċifiku tas-sistema.

3. Il-valur tal-ħlasijiet medji annwali ta' trażmissjoni li jitħallsu mill-produtturi għandu jkun fil-medda ta' 0 sa 0,5 EUR/MWh, għajr dawk applikabbli fid-Danimarka, l-Isvezja, il-Finlandja, ir-Rumanija, l-Irlanda, il-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Il-valur tal-ħlasijiet medji annwali ta' trażmissjoni li jitħallsu mill-produtturi fid-Danimarka, l-Isvezja u l-Finlandja għandu jkun fil-medda ta' 0 sa 1,2 EUR/MWh.

Il-valur tal-ħlasijiet medji annwali ta' trażmissjoni li jitħallsu mill-produtturi fl-Irlanda, il-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandu jkun fil-medda ta' 0 sa 2,5 EUR/MWh, u fir-Rumanija din il-medda għandha tkun ta' 0 sa 2,0 EUR/MWh.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 775/2010

## tat-2 ta’ Settembru 2010

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Los Pedroches (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta’ Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b’mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) u skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba li għamlet Spanja biex id-denominazzjoni “Los Pedroches” tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta’ oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b’dan qed tiddaħħal fir-reġistru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta’ Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU C 3, 7.1.2010, p. 7.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem imniżżlin fl-Anness I għat-Trattat:

**Il-kategorija 1.2. Prodotti magħmulin mil-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.)**

SPANJA

Los Pedroches (DPO)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 776/2010

## tat-2 ta' Settembru 2010

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Génisse Fleur d'Aubrac (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni mressqa minn Franza għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Génisse Fleur d'Aubrac", ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, għalhekk din id-denominazzjoni għandha tiġi rreġistrata

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan qed tiddaħħal fir-reġistru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament ser jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU C 322, 30.12.2009, p. 39.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.1. Laħam frisk (u l-ġewwieni)**

FRANZA

Génisse Fleur d'Aubrac (IĠP)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 777/2010

## tat-2 ta' Settembru 2010

## li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' isem imniżżel fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Prosciutto Toscano (DPO))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1), u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Italja għall-approvazzjoni ta' emendi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Prosciutto Toscano", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 [2] kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1263/96 [3].

(2) Ladarba l-emendi konċernati mhumiex minuri skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għall-emendi, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2), tal-istess Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.* [4] Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-emendi għandhom jiġu approvati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emendi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* rigward id-denominazzjoni mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament huma b'dan approvati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

[2] ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1.

[3] ĠU L 163, 2.7.1996, p. 19.

[4] ĠU C 322, 30.12.2009, p. 33.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.2. Prodotti magħmulin mil-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.)**

L-ITALJA

Prosciutto Toscano (DPO)

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 778/2010**

**tat-2 ta' Settembru 2010**

**li japprova emendi sostanzjali fl-ispeċifikazzjoni ta' isem imniżżel fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Mela Val di Non (DPO)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel (1), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Italja għall-approvazzjoni ta' emendi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Mela Val di Non", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 (2) kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1665/2003 (3).

(2) Minħabba li l-emendi konċernati ma jistgħux jitqiesu bħala minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emendi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, b'applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament imsemmi (4). Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-emendi għandhom jiġu approvati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emendi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* rigward id-denominazzjoni mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament huma approvati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

(1) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
(2) ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11.
(3) ĠU L 235, 23.9.2003, p. 6.
(4) ĠU C 315, 23.12.2009, p. 27.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati**

L-ITALJA

Mela Val di Non (DPO)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 779/2010

## tat-2 ta’ Settembru 2010

## li japprova emendi minuri fl-ispeċifikazzjoni ta’ denominazzjoni elenkata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Thüringer Rotwurst (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta’ Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b’mod partikolari t-tieni sentenza tal-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Ġermanja għall-approvazzjoni, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, ta’ emenda fl-ispeċifikazzjoni għall-indikazzjoni ġeografika protetta “Thüringer Rotwurst” irreġistrata permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 ([2]) kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 2206/2003 ([3]).

(2) L-iskop tat-talba huwa li tiġi emendata l-ispeċifikazzjoni billi jiġu estiżi l-forom ta’ ppakkjar, partikolarment, sabiex jiġi permess l-użu ta’ vażetti tal-plastik, iżda mhux ta’ kisi artifiċjali. Dan jirrifletti aħjar ir-realtajiet tas-suq u l-preferenzi tal-konsumatur kif ukoll jagħti opportunità li jiġi sfruttat il-potenzjal eżistenti tas-suq.

(3) Il-Kummissjoni eżaminat l-emendi konċernati u kkonkludiet li huma ġustifikati. Peress li dawn huma emendi minuri, il-Kummissjoni tista’ tapprovahom mingħajr ma tuża l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 6 u 7 ta’ dak ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emendi għall-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta “Thüringer Rotwurst”, kif stabbiliti skont l-Anness I, huma approvati.

*Artikolu 2*

Id-Dokument Uniku aġġornat jidher fl-Anness II.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta’ Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11.
([3]) ĠU L 330, 18.12.2003, p. 13.

*ANNESS I*

L-emendi li ġejjin għall-ispeċifikazzjonijiet tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Thüringer Rotwurst" huma b'dan approvati:

1. Fil-punt "4.2. Deskrizzjoni", it-tielet subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

   "It-'Thüringer Rotwurst' jinbiegħ frisk fl-imsaren żgħar jew fil-borża tal-awrina jew konservat f'vażett tal-ħġieġ jew kontenituri oħra, bl-eċċezzjoni ta' kisi artifiċjali".

2. Fil-punt "4.5. Metodu ta' produzzjoni", is-seba' sentenza tinbidel b'din li ġejja:

   "It-taħlita imbagħad timtela, mhux b'mod issikkat, fl-imsaren żgħar jew fil-borża tal-awrina tal-majjal li jiġu msajra f'banju marija għal 80 minuta f'85 °C jew (għall-boroż tal-awrina) f'105 minuti f'85 °C jew inkella jiġu kkonservati f'vażetti tal-ħġieġ jew kontenituri oħra, bl-eċċezzjoni tal-kisi artifiċjali".

*ANNESS II*

**DOKUMENT UNIKU**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u tal-oġġetti tal-ikel

**"THÜRINGER ROTWURST"**

Nru KE: DE-PGI-0105-0224-18.2.2009

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem**

"Thüringer Rotwurst"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Il-Ġermanja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li japplika għalih l-isem tal-punt 1*

Din hija speċjalità ta' zalzett tad-demm magħmul minn materja prima ta' kwalità magħżula, u xhieda ta' din il-kwalità għolja, hija l-apparenza regolari tal-biċċiet maqtugħin minn dan iz-zalzett, kif ukoll il-kulur aħmar jgħajjat u l-aroma pikkanti tiegħu. Element partikolari huwa l-preżenza ta' kubi ta' laħam dgħif li jkun fiz-zalzett (mill-inqas 35 %, li ftit minnu jista' jiġi sostitwit bi fwied, qalb jew ilsien) kif ukoll ħadd tal-wiċċ imqaxxar sew mill-ġilda (sa 35 %). Apparti d-demm/il-ġilda, iz-zalzett għandu wkoll kontenut ta' madwar 5 % ta' fwied. Thüringer Rotwurst jinbiegħ frisk fl-imsaren żgħar fil-borża tal-awrina jew konservat f'važett tal-ħġieġ oħra bl-eċċezzjoni ta' kisi artifiċjali.

Il-kompożizzjoni:

Għal zalzett ta' 100 kg jeħtieġu 55 kg ta' laħam tal-majjal imsajjar minn qabel mingħajr għerq u b'massimu ta' 5 % xaħam viżibbli, 25 kg ta' ħadd tal-wiċċ mingħajr ġilda msajjar minn qabel, 5 kg ta' fwied nej tal-majjal, 7,5 kg ta' demm tal-majjal fis-salmura, 7,5 kg ta' ġilda msajra, melħ tan-nitritu għas-salmura, taħlita ta' ħwawar (partikolarment, bżar miħun u merdqux u basal ta' Thuringia).

3.3. *Materja prima (għall-prodotti proċessati biss)*

—

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*

—

3.5. *Stadji speċifiċi fil-produzzjoni li għandhom isehħu fiż-żona ġeografika identifikata*

Il-proċess kollu tal-produzzjoni taz-zalzett tad-demm isir fiż-żona ġeografika speċifikata.

3.6. *Regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għall-ħakk, għall-ippakkjar, eċċ.*

—

3.7. *Regoli speċifiċi għat-tikkettar*

—

4. **Definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika**

Il-Land Federali ta' Thuringia.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Thüringer Rotwurst għandu tradizzjoni li tmur lura sekli sħaħ f'Thuringia. Huwa element permanenti fil-kummerċ tal-biċċiera u ilu jsir u jittiekel minn dejjem fil-festi tat-tbiċċir tant maħbuba f'Thuringia. Fil-preżent, qiegħed jiġi prodott madwar ir-reġjun kollu ta' Thuringia. Hemm ukoll bosta produtturi ewlenin. L-oriġini tal-isem inżamm peress li fi żmien dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja, dan kien jintuża biss bħala indikazzjoni ġenwina tal-oriġini ġeografika.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Iz-zalzett ta' Thuringia, li jinkludi t-"Thüringer Rotwurst", minn dejjem kellu reputazzjoni tajba fil-Ġermanja u din tmur lura aktar minn 200 sena. Minħabba t-togħma eċċellenti tiegħu,t-Thüringer Rotwurst huwa magħruf u mfittex sew barra l-pajjiż u għalhekk din iz-zalzetta hija magħrufa bħala r-"Reġina taz-Zalzett tad-Demm".

5.3. *Rabta każwali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

Ir-reputazzjoni tat-Thüringer Rotwurst hija bbażata fuq il-ħiliet u l-esperjenza tal-biċċiera ta' Thuringia u mir-riċetti li jgħaddu minn ġenerazzjoni għall-oħra.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

It-taqsima 7a-bb tal-Volum 20 tal-"Markenblatt" tas-16 ta' Mejju 2008, p. 33365

http://register.dpma.de/DPMAregister/geo/detail.pdfdownload/150

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 780/2010

## tat-2 ta' Settembru 2010

## li japprova emendi minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni elenkata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Thüringer Leberwurst (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari t-tieni sentenza tal-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Ġermanja għall-approvazzjoni, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni għall-indikazzjoni ġeografika protetta "Thüringer Leberwurst" irreġistrata permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 ([2]) kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 2206/2003 ([3]).

(2) L-iskop tat-talba huwa li tiġi emendata l-ispeċifikazzjoni billi jsir obbligatorju l-użu tal-kisi naturali u billi jiġu estiżi l-forom tal-ippakkjar, partikolarment, sabiex jiġi permess l-użu ta' vażetti tal-plastik, iżda mhux kisi artifiċjali. Dan jirrifletti aħjar ir-realtajiet tas-suq u l-preferenzi tal-konsumatur kif ukoll jagħti opportunità li jiġi sfruttat il-potenzjal eżistenti tas-suq.

(3) Il-Kummissjoni eżaminat l-emendi konċernati u kkonkludiet li huma ġustifikati. Peress li dawn huma emendi minuri, il-Kummissjoni tista' tapprovahom mingħajr ma tuża l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 6 u 7 ta' dak ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emendi għall-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Thüringer Leberwurst", kif stabbiliti skont l-Anness I, huma approvati.

*Artikolu 2*

Id-Dokument Uniku aġġornat jidher fl-Anness II.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11.
([3]) ĠU L 330, 18.12.2003, p. 13.

*ANNESS I*

L-emendi li ġejjin għall-ispeċifikazzjonijiet tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Thüringer Leberwurst" huma b'dan approvati:

Fil-punt "4.2. Deskrizzjoni", l-aħħar sentenza tal-ewwel paragrafu għandha tinbidel b'din li ġejja:

> "Iz-zalzett għandu jimtela f'kisi naturali, bħall-intestini żgħar tal-majjal, il-borża tal-awrina jew intestini taċ-ċanga, jew biex jiġi ppreservat f'vażetti tal-ħġieġ jew kontenituri oħra, bl-eċċezzjoni ta' kisi artifiċjali."

*ANNESS II*

**DOKUMENT UNIKU**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u tal-oġġetti tal-ikel

**"THÜRINGER LEBERWURST"**

Nru KE: DE-PGI-0105-0222-02.02.2009

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem**

"Thüringer Leberwurst"

2. **Stat membru jew pajjiż terz**

Il-Ġermanja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li japplika għalih l-isem tal-punt 1*

Dan huwa zalzett tal-fwied tat-tip li jkun magħmul id-dar, b'togħma pikkanti u li jinbiegħ frisk jew ippreservat. L-ingredjent ewlieni tiegħu huwa l-fwied frisk. It-tessut tax-xaħam jikkonsisti f'bejken jew żaqq mingħajr ġilda. Iz-zalzett għandu jimtela f'kisi naturali, bħall-intestini żgħar tal-majjal, il-borża tal-awrina jew intestini taċ-ċanga, jew biex jiġi ppreservat f'vażetti tal-ħġieġ jew kontenituri oħra, bl-eċċezzjoni ta' kisi artifiċjali.

Il-kompożizzjoni:

laħam tal-majjal, fwied tal-majjal, melħ tan-nitritu għall-pikles, basal imsajjar f'stuffat, taħlita ta' ħwawar (partikolarment, bżar immaċinat u merdqux ta' Thuringia), affumikatura.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti proċessati biss)*

—

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*

—

3.5. *Stadji speċifiċi fil-produzzjoni li għandhom iseħħu fiż-żona ġeografika identifikata*

Il-proċess kollu tal-produzzjoni jseħħ fiż-żona ġeografika speċifikata.

3.6. *Regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għall-ħakk, għall-ippakkjar, eċċ.*

—

3.7. *Regoli speċifiċi għat-tikkettar*

—

4. **Definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika**

Thuringia

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

'Thüringer Leberwurst' għandu tradizzjoni fi Thuringia li tmur sekli lura. Hija probabilment antika daqs l-kummerċ tal-laħam innifsu fi Thuringia. Anke llum, iz-zalzett għadu jsir fil-"festi tat-tbiċċir" li huma popolari ħafna fir-reġjun u fejn iz-zalzett jittiekel frisk minn borma mimlija biz-zalzett. Huwa parti minn varjetà offruta kważi minn kull produttur tal-laħam u z-zalzett fi Thuringia. L-oriġini tal-isem inzamm peress li fl-eks RDĠ kien jintuża biss bħala indikazzjoni ġenwina tal-oriġini ġeografika.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Iz-zalzett ta' Thurngia, li jinkludi t-"Thüringer Leberwurst", minn dejjem kellu reputazzjoni tajba fil-Ġermanja u lilhinn għal aktar minn 200 sena. "Thüringer Leberwurst" huwa fost l-iktar zalzett popolari fi Thurningia.

5.3. *Rabta każwali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP).*

Ir-reputazzjoni tat-"Thüringer Leberwurst" hija bbażata fuq l-ħiliet u l-esperjenza tal-biċċiera ta' Thuringia u r-riċetti li għaddew minn ġenerazzjoni għall-oħra.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

It-taqsima 7a-bb tal-volum 20 tal-"Markenblatt" tas-16 ta' Mejju 2008, p. 33363

http://register.dpma.de/DPMAregister/geo/detail.pdfdownload/148

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 781/2010

## tat-2 ta' Settembru 2010

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (1),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex (2), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-3 ta' Settembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(2) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 36,4 |
| | ZZ | 36,4 |
| 0707 00 05 | TR | 145,1 |
| | ZZ | 145,1 |
| 0709 90 70 | TR | 115,2 |
| | ZZ | 115,2 |
| 0805 50 10 | AR | 113,9 |
| | CL | 161,7 |
| | TR | 151,9 |
| | UY | 143,8 |
| | ZA | 141,1 |
| | ZZ | 142,5 |
| 0806 10 10 | BA | 91,2 |
| | EG | 131,2 |
| | IL | 123,0 |
| | TR | 138,7 |
| | ZA | 147,0 |
| | ZZ | 126,2 |
| 0808 10 80 | AR | 122,3 |
| | BR | 68,6 |
| | CL | 108,7 |
| | CN | 65,6 |
| | NZ | 100,2 |
| | US | 96,1 |
| | ZA | 89,9 |
| | ZZ | 93,1 |
| 0808 20 50 | AR | 80,1 |
| | CL | 91,0 |
| | CN | 70,5 |
| | TR | 128,9 |
| | ZA | 95,7 |
| | ZZ | 93,2 |
| 0809 30 | TR | 141,8 |
| | ZZ | 141,8 |
| 0809 40 05 | BA | 52,8 |
| | IL | 161,0 |
| | XS | 52,3 |
| | ZZ | 88,7 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 782/2010

## tat-2 ta' Settembru 2010

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2009/10 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2009 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 767/2010 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10, huma b'dan immodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-3 ta' Settembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 253, 25.9.2009, p. 3.
([4]) ĠU L 226, 28.8.2010, p. 40.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mit-3 ta' Settembru 2010**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 48,01 | 0,00 |
| 1701 11 90 (1) | 48,01 | 0,50 |
| 1701 12 10 (1) | 48,01 | 0,00 |
| 1701 12 90 (1) | 48,01 | 0,20 |
| 1701 91 00 (2) | 44,97 | 3,98 |
| 1701 99 10 (2) | 44,97 | 0,85 |
| 1701 99 90 (2) | 44,97 | 0,85 |
| 1702 90 95 (3) | 0,45 | 0,24 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/61/UE

**tat-2 ta' Settembru 2010**

**li tadatta għall-ewwel darba l-Annessi għad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi għall-progress tekniku u xjentifiku**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Anness I, it-Taqsima I.1, l-Anness II, it-Taqsima II.1 u l-Anness III, it-Taqsima III.1. għad-Direttiva 2008/68/KE jirreferu għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet internazzjonali dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi bit-triq, bil-ferroviji u b'passaġġi interni kif iddefinit fl-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet internazzjonali jiġu aġġornati kull sentejn. Konsegwentement, il-verżjonijiet emendati ta' dawn il-ftehimiet għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2011, b'perjodu tranżizzjonali sat-30 ta' Ġunju 2011.

(3) L-Anness I, it-Taqsima I.1, l-Anness II, it-Taqsima II.1 u l-Anness III, it-Taqsima III.1 għad-Direttiva 2008/68/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan:

(4) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2008/68/KE**

L-Annessi għad-Direttiva 2008/68/KE huma emendati kif ġej:

1. Fl-Anness I, it-Taqsima G.1 hija ssostitwita b'dan li ġej:

"I.1. **ADR**

Fl-Annessi A u B għall-ADR, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2011, huwa mifhum illi l-frażi 'parti kontraenti' tiġi ssostitwita bil-frażi 'Stat Membru' kif xieraq."

2. Fl-Anness II, it-Taqsima II.1 hija ssostitwita b'dan li ġej:

"II.1. **RID**

L-Anness għar-RID, li jidher fl-Appendiċi C għall-COTIF, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2011, huwa mifhum illi 'Stat Kontraenti fir-RID' hija ssostitwita bi 'Stat Membru' kif xieraq."

3. Fl-Anness III, it-Taqsima III.1 hija ssostitwita b'dan li ġej:

"III.1. **ADN**

Fir-Regolamenti annessi għall-ADN, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2011, kif ukoll l-Artikoli 3(f), 3(h), 8(1), 8(3) tal-ADN, huwa mifhum illi 'parti kontraenti' hija ssostitwita bi 'Stati Membri' kif xieraq."

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2011. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

([1]) ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13.

*Artikolu 3*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT